MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 651/2003/1

**Anthony Mercieca**

**vs**

**Kenneth Zammit**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Mejju 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ erba’ mija w erbatax-il lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm414.37c) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku kif spjegat ahjar fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li ma kienx responsabbli ghall-incident. Il-konvenut eccepixxa wkoll li l-ammont pretiz huwa eccessiv.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Li skond ir-*Road Accident Report* ezatt wara l-incident l-attur (Vauxhall LAG 415) qal:

"I was proceeding slowly on my lane at Triq il-Ferrovija Santa Venera from the direction of Birkirkara towards Hamrun and as I was approaching the roundabout I saw the FIAT proceeding speedy from the opposite direction and suddenly same skidded and swerved into my lane and although I tried to swerve to the extreme right to avoid collision same dashed into my front right side."

Il-konvenut (FIAT AAP 019) gie rrapportat li qal:

"I was proceeding from the direction of the roundabout towards Birkirkara and as I proceeded into Old Railway Track I found the Vauxhall proceeding from the opposite side on my lane and consequently collision occurred."

Ix-xhud Massimo Magri gie rrapportat li qal:

"I was proceeding from the roundabout towards Birkirkara some distance in front of the FIAT and I saw the Vauxhall proceeding from the opposite direction in the middle of the road and as I avoid same I saw the FIAT colliding with the Vauxhall from the rear view mirror."
Meta xehed quddiem it-Tribunal Massimo Magri qal li ra l-vettura ta' l-attur gejja fid-direzzjoni opposta ghalih fuq in-naha tieghu tat-triq. Ix-xhud immarka X fuq l-iskizz fejn gara l-incident.

L-attur xehed li kienet il-vettura tal-konvenut li baqghet diehla go fih wara li skiddja u gie fuq il-*lane* tieghu. L-attur qal li d-*debris* li waqa' b'rizultat ta' l-incident baqa' fl-istess post fejn immarkaw il-pulizija bhala fejn sehh l-incident.

Xehed PS 1330 Alexander Schembri li qal li kkonkluda fejn kien l-i*spot of impact* ghaliex sab it-trab fejn is-soltu jkun hemm ezatt fejn jigri l-incident. PS 1330 Alexander Schembri qal li xi jiem wara l-incident il-konvenut kien gie l-ghassa u lmenta li l-i*spot of impact* ma kienx fejn muri fl-iskizz. PS 1330 Alexander Schembri kkonferma li l-iskizz hu korrett. Bejn il-hin tal-habta sakemm gew il-pulizija ghaddew xi siegha u kwart.

Il-konvenut xehed li hu kien fuq il-*lane* tieghu u l-attur gie *wrong side* u b'hekk saret il-habta. Il-konvenut cahad li l-i*spot of impact* kien dak muri fl-iskizz.

Illi l-verzjonijiet tal-partijiet jikkontradixxu lil xulxin.

Illi x-xhieda ta' PS 1330 Alexander Schembri hija cara u kredibbli. Illi l-fatt li l-pulizija mmarka l-i*spot of impact* fuq in-naha ta' l-attur jindika li l-verzjoni li ta l-attur hija iktar verosimili.

Billi hemm provi sufficjenti biex turi li l-attur kien fuq in-naha tieghu tat-triq u li l-konvenut mar *wrong side* u b'hekk grat il-habta, t-Tribunal jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident.

Illi gew esebiti l-ircevuti u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas is-somma ta' erba' mija w erbatax-il lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm414.37c) lill-attur. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali datata 21 ta' Frar, 2003."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravju li t-Tribunal mar b' mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ekwita` b' tali mod li dan ippregudika l-jeddijiet tieghu. Huwa jikkontendi li ghalkemm it-Tribunal kellu quddiemu xhieda indipendenti li kienet tikkorrobora l-

versjoni tieghu dan ghogbu jistrieh eskluzivament fuq ix-xhieda tas-Surgent li investiga l-incident;

Mill-kontenut ta’ l-appell huwa car illi l-kontestazzjoni ta’ l-appellant fil-konfront tas-sentenza tikkonsisti fi kritika ta’ l-apprezzament fattwali li ghamel it-Tribunal. Issa, kif saput, biex din il-Qorti ta’ revizjoni tkun tista’ tissindika dak l-istess apprezzament, l-appellant jehtieglu jiddemostra ghas-sodsfazzjon taghha illi tabilhaqq it-Tribunal agixxa b’ mod gravi kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ ekwita`. Jinghad mill-ewwel, a skans ta’ ekwivoci, illi din il-Qorti ma ssibx li l-appellant irnexxielu juri li dan kien hekk il-kaz. Ebda sottomissjoni ma tressqet illi t-Tribunal kien, fil-kaz tieghu, agixxa b’ mod parzjali. Difficilment, imbaghad, din il-Qorti tara li ngiebet raguni perswasiva illi kien hemm lezjoni tad-dritt ekwitativ. It-Tribunal, bhala l-ewwel arbitru tal-meritu, opta li jaghzel il-versjoni ta’ l-attur in kwantu din, oggettivament, kienet fil-fehma tieghu aktar attendibbli u kredibbli minn dik ta’ l-appellant, anke jekk il-versjoni ta’ dan kienet sostenuta mix-xhieda ta’ Massimo Magri. Din il-konstatazzjoni valutativa tat-Tribunal ma ggibx ghal daqshekk illi sar ksur tar-regola ta’ l-ekwita`. Minn din l-ottika, u konsiderat ukoll il-limitazzjoni tat-Tribunal, meta l-ammont involut ma jkunx jeccedi l-hames mitt lira (Lm500), bhal f’ dan il-kaz, ma jidherx li l-appell *de quo* kien proponibbli;

Huwa bil-wisq logiku f’ materja ta’ incidenti stradali illi l-versjonijiet tal-konducenti ta’ kif sehhet il-kollizjoni jkunu ta’ sikwit kontrastanti. F’ dan il-kaz dan il-kuntrast huwa manifestament lampanti u jikkonsisti fil-fatt illi z-zewg utenti jikkontendu illi l-iskontru avvera ruhu fil-karreggjata rispettiva taghhom. L-appellanti, s’ intendi, jinsisti li f’ dan ghandu l-konfort tax-xhieda ta’ Massimo Magri li kien qed jipprecedih, u li nzerta gar ta’ l-istess appellanti. Minn naha l-ohra hemm il-prova indipendenti tas-Surgent PS 1330 Alexander Schembri (fol. 37) li kkonferma dak li hu kkonstata *de visu* fil-lok ta’ l-incident u li gie minnu registrat fl-iskizz ta’ l-okkorrenza. Skizz li jistabilixxi l-i*spot of impact* u kif spiccaw il-vetturi wara l-habta;

Mhux kontestat illi l-iskizz raffiguranti l-i*spot of impact* jaghmel prova ta' dak li juri. Intqal a propozitu illi "prova bhal din hija wahda li tista' materjalment tigi stabbilita b' certa precizjoni u ghalhekk meta tigi debitament notata mill-Pulizija li jinvestigaw il-kaz, prova bhal din tassumi rilevanza, importanza u valur sinifikanti. Normalment tiswa aktar minn dak li jixhdu xhieda okulari, li ta' spiss, anke minghajr ma jridu, ma jirrakkontawx il-fatti kif verament graw" – "**Paul Deguara -vs- Thomas Cauchi**", Appell, 27 ta' Frar 1996;

Fil-kaz in ezami l-iskizz juri li l-incident sehh fil-karreggjata li minnha kien ghaddej isuq l-attur. Dan mill-indikazzjoni ta' l-i*spot of impact* annotat u konfermat mis-Surgent li investiga l-incident. L-appellant u x-xhud Massimo Magri jittantaw jiskreditaw lis-Surgent u r-rilevanza ta' l-i*spot of impact* billi jsostnu illi s-Surgent dam biex wasal fuq il-post ta' l-incident u fil-frattemp kienu ghaddew karozzi ohra li garrew id-debris minn karreggjata ghall-ohra. Bir-rispett kollu hu ferm difficli ghall-intelligenza ta' din il-Qorti li taderixxi ma' din is-sottomissjoni. Dan mhux biss ghaliex ma gietx attakkata l-integrita` tas-Surgent imma, ukoll, jidher li l-iskizz gie preparat b' mod akkurat u professjonali, indikanti l-aspetti kollha li materjalment irrizultawlu;

Evidentement, huwa apparenti minn dan l-iskizz illi l-appellanti qieghed ruhu kolpozament f' posizzjoni li ta lok ghall-impatt mal-vettura ta' l-attur meta inondalu l-karreggjata tieghu. L-incident *de quo* sehh bil-lejl f' data vicin l-ewwel tas-sena 2003. Il-prudenza kienet certament tiddettalu li f' dawk il-hinijiet, anke jekk ma jkunx hemm cirkolazzjoni qawwija ta' traffiku, jikkontrolla sew is-sewqan tieghu u jnaqqas l-i*speed*. "*Nelle ore notturne è necessaria una particolare prudenza nel regolare la velocita`, perche la visibilita` è limitatissima e soggetta ad errori ed equivoci e si corre il rischio di trovarsi improvvisamente di fronte ad ostacoli*" ("La

Responsabilita` della Circolazione Stradale", Cigolini, Ed. 1955, p 227, akkolta fis-sentenza fl-ismijiet "**Francesco Mifsud et -vs- Ivan Cortis**", Appell Civili, 20 ta' Marzu 1967);

Taht dawn ic-cirkostanzi anke fil-meritu din il-Qorti ma ssibx raguni sufficcjenti biex twarrab il-konkluzjoni tat-Tribunal fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------